

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2267

tas-17 ta' Diċembru 2021

li tistabilixxi l-format għar-rapportar tad-*data* u l-informazzjoni dwar l-iskart miġbur wara l-konsum tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri u tal-filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha, it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw *d-data* dwar l-iskart miġbur wara l-konsum tal-prodotti tat-tabakk b'filtri u ta' filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk skont l-Artikolu 13(1)(f) ta' dik id-Direttiva, lill-Kummissjoni. Id-*data* trid tkun akkumpanjata minn rapport ta' verifika tal-kwalità.
- (2) Id-*data* dwar l-ammonti ta' skart wara l-użu ta' prodotti tat-tabakk b'filtri u ta' filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien ma' prodotti tat-tabakk miġbura permezz ta' sistemi pubbliċi għall-għbir tal-iskart u attivitajiet ta' tindif taż-żibel skont l-Artikolu 13(1)(f) tad-Direttiva (UE) 2019/904 għandha tiġi rrapportata mill-Istati Membri abbażi tal-piż totali tagħhom f'tunnellati. Ir-rapport ta' verifika tal-kwalità li jkun ma' dik id-*data* għandu jiġi pprovdut f'format li jiżgura li tiġi pprovduta deskrizzjoni tal-metodoloġiji u tas-sorsi tad-*data* applikati għall-kejl u l-verifika ta' din id-*data*.
- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Rapportar tad-*data*

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2019/904 fil-format stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Huma għandhom jissottomettu ir-rapport ta' verifika tal-kwalità msemmi fl-Artikolu 13(2) ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' dik id-*data* fil-format stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

*Artikolu 2***Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

FORMAT GĦAR-RAPPORTAR TAD-DATA

Il-format għar-rapportar dwar l-iskart wara l-konsum tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri u l-filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk miġbura bħala żibel u permezz tas-sistemi pubbliċi tal-ġbir tal-iskart skont l-Artikolu 13(1), il-punt (f) tad-Direttiva (UE) 2019/904.

1	2
	(tunnellati)
Il-piż totali tal-iskart wara l-konsum tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri u l-filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk miġbura bħala żibel u permezz tas-sistemi pubbliċi tal-ġbir tal-iskart skont l-Artikolu 13(1), il-punt (f) tad-Direttiva (UE) 2019/904.	

ANNEX II

FORMAT GĦAR-RAPPORT TA' VERIFIKA TAL-KWALITÀ

I. Informazzjoni ġenerali

1.1. L-Istat Membru:	
1.2. Organizzazzjoni li qed tibgħat id-data u d-deskrizzjoni:	
1.3. Isem il-kuntatt:	
1.4. Indirizz tal-posta elettronika tal-kuntatt:	
1.5. Numru tat-telefown tal-kuntatt:	
1.6. Sena tar-referenza:	
1.7. Data tal-konsenja/verżjoni:	
1.8. Link għall-pubblikazzjoni tad-data mill-Istat Membru (jekk hemm):	

II. Deskrizzjoni tal-istituzzjonijiet involuti fil-ġbir tad-data

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

III. Deskrizzjoni tal-metodi użati

Deskrizzjoni tal-metodi u s-sorsi tad-data użati għall-kejl tal-piż tal-iskart wara l-konsum tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri u l-filtri kkumerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk miġbura bħala żibel u permezz tas-sistemi pubbliċi tal-ġbir tal-iskart skont l-Artikolu 13(1), il-punt (f) tad-Direttiva (UE) 2019/904.

3.1 Is-sorsi tad-data u l-metodi għall-kalkolu u s-sehem fit-total.

Spjega kif il-piż tal-iskart ta' wara l-konsum imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan il-kapitolu tkejjel u kif tqiesu l-umdità u r-residwi tal-karta u tat-tabakk. Spjega l-approċċ meħud biex jiġi żgurat kampjunar rappreżentattiv tal-iskart miġbur. Indika f'liema sena twettqet l-analiżi tal-kompożizzjoni tal-iskart u taż-żibel.

Sorsi tad-data, sena	Deskrizzjoni tal-metodi applikati	Sehem mit-total

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

3.2 Deskrizzjoni tal-metodi użati għad-determinazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni u l-applikazzjoni tagħhom.

F'każ li l-piż tal-iskart ta' wara l-konsum imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan il-kapitolu jiġi ddeterminat permezz tad-determinazzjoni tal-għadd totali ta' skart ta' wara l-konsum tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri u l-filtri kkumerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk, speċifika l-fattur ta' konverżjoni użat.

	Fattur ta' konverżjoni	Iddeskrivi l-varjabbli inklużi fil-kalkolu tal-fatturi ta' konverżjoni u kif dawn il-varjabbli ġew ikkalkulati
Fattur ta' konverżjoni minn punt għal piż		
<i>Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ</i>		

IV. Sistema għall-verifika u għall-kontroll tad-data

- 4.1 Spjegazzjoni tal-ambitu u l-validità tal-ġbir tad-*data* dwar tal-iskart wara l-konsum tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri u l-filtri kkumerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk miġbura bħala żibel u permezz tas-sistemi pubbliċi tal-ġbir tal-iskart skont l-Artikolu 13(1), il-punt (f) tad-Direttiva (UE) 2019/904.

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

- 4.2 Differenzi mid-*data* rrapportata għas-snin preċedenti.

Bidliet sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu użat għas-sena ta' referenza attwali meta mqabbel mal-metodu użat għas-snin ta' referenza preċedenti, jekk hemm (b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, il-karatteristiċi tagħhom u jekk għandux jiġi sinjalat waqfien fis-serje għal sena speċifika).

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

V. Kunfidenzjalità

Ġustifikazzjoni biex ma jiġux ippubblikati partijiet speċifiċi ta' dan ir-rapport ta' verifika tal-kwalità fejn dan ikun meħtieġ u l-ejenkar tal-partijiet li jeħtieġ jinżammu.

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ

VI. Siti web, dokumenti ta' referenza u publikazzjonijiet nazzjonali ewlenin

Jekk jogħġbok ipprova l-isem u l-url tas-siti, dokumenti ta' referenza u publikazzjonijiet ewlenin relatati ma' dan il-ġbir ta' data.

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ